**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 290/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Silvio Ellul**

Illum id-9 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Silvio Ellul**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 458982(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tas-01.30 hrs fil-Beach Club fit-Triq il-Qaliet, Marsaskala:

1. naqas li jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika Artikolu 43(2)(1) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. nhar id-9 t'Ottubru 2019, billi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u tirrevoka l-pieni hemm inflitti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi da parte tiegħu l-konsulent legali tal-appellant informa lill-Qorti li l-appellant ma għadux jiġġestixxi l-fond mertu tal-appell.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel ma tibda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li l-ewwel ikun opportun li ssir riferenza għall-provi li ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti. Quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li ġew prodotti s-segwenti:

- Affidavit ta' **PS 31 Mario Farrugia** (*a fol.* 3) fejn ikkonferma li fit-2 ta' Marzu 2019 għal xi s-1.30am il-Pulizija għamlet spezzjoni fl-istabbiliment Beach Club li jinsab ġewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala fejn malli waslu fuq il-post il-Pulizija setgħet tisma' l-mużika, li għalkemm baxxa, setgħet tinstema' minn barra l-istabbiliment. Jgħid li din il-mużika kienet ġejja mill-istess stabbiliment. Jgħid ukoll li l-appellant intalab jippreżenta l-permessi tal-istabbiliment u huwa ppreżenta permess tal-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta b'liċenzja numru P/TL/L/2/94 li juri li jista' jopera sal-04.00am. Jingħad li huwa kien ordnat biex jitfi l-mużika minnufih u huwa għamel hekk immedjatament. Jgħid ukoll li skont il-permess il-mużika amplifikata ma setgħetx tinstema' minn barra wara l-ħin tal-11.00pm u li l-mużika trid tintefa fis-1.00am.

- Affidavit ta' **PS 583 Evan Grech** (*a fol.* 4) fejn ta l-istess dettalji li jidhru fl-affidavit ta' PS 31 Mario Farrugia.

- **Dr. Michael Camilleri** (in rappreżentanza tal-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta – *a fol.* 16 *et seq.*) ippreżenta l-liċenzja u qal li din ma kienx fiha xi kondizzjonijiet speċjali. Jgħid li hemm il-kondizzjonijiet ġenerali u li l-unika ħaġa li hemm huwa *"permit for extension of business hours"* sal-04.00am u dan mit-28 ta' Lulju 2016.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li ċ-ċitazzjoni kif redatta ma tissodisfax il-kriterju ta' Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li ċ-ċitazzjoni ma ssemmi xejn dwar il-fatti tal-akkuża billi dak li qed jiġi addebitat hu li *"inqast li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi kundizzjoni,*

*restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenzja".* Jisħaq li b'hekk wieħed ma jistax jgħid x'inhuwa n-nuqqas meta tqis li liċenzja jista' jkollha kondizzjonijiet dwar diversi aspetti. Jargumenta li huwa assodat li ċ-ċitazzjoni għandu jkollha l-informazzjoni neċessarja sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu.

Illi din il-Qorti tinnota li fiċ-ċitazzjoni li biha l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti hemm isem u kunjom, numru tal-Karta tal-Identita', data, post u ħin. Dwar il-fatti hemm dan li ġej: *"inqast li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi kundizzjoni, restrizzjoni, jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenzja."*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** (Numru 42/2004) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> > "L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.*** (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-ċitazzjoni ma hi xejn ħlief avviż jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art. 360(1)). Din iċ-ċitazzjoni

> ma hix il-bazi tal-akkuża, bħalma hu l-każ tal-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuża jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *"La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore"* (ara sentenza ċitata, paġna 761). Dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni (għax hemm funzjonijiet oħra, bħal, per eżempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun ġiet eżawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1989 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Zarb Adami**)."

U bħalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Buttigieg**:

> "Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti għandhom jiġu ndikati fiha mhux għall-fini tal-validita' tagħha, jew tal-proċeduri, kompriża s-sentenza, li jsegwuha, iżda għall-fini ta' prattiċita' u ta' evitar ta' telf ta' żmien, u ċioè biex l-imputat x'ħin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun ġie mħarrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruħu għall-imputazzjoni dedotta.
>
> [...]

> Dan kollu premess ifisser li ċ-ċitazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda każ dik iċ-ċitazzjoni ma ġġib in-nullita' tal-proċeduri sussegwenti, kompriża s-sentenza."

Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Schembri** mogħtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:

> "Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb."

Fil-każ in eżami, huwa minnu li fiċ-ċitazzjoni m'hemmx ċitat l-artikolu tal-ligi li għalih tirreferi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant – iżda tali indikazzjoni <u>la hi meħtieġa u lanqas ma tifforma parti mill-fatti ta' l-akkuża</u>. In kwantu n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-ħin approssimattiv jew reali, l-Artikolu 360(2) ma jirreferix għall-"ħin" tar-reat iżda għaż-"żmien" u ċ-ċitazzjoni effettivament tagħti indikazzjoni taż-"żmien" meta allegatament seħħ ir-reat in kwistjoni bħala "fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Diċembru 2003 u l-20 ta' Diċembru 2003". Huwa minnu li fiċ-ċitazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament seħħ ir-reat iżda, fid-dawl tal-ġurisprudenza suċitata, tali nuqqas ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni jew tal-proċeduri sussegwenti, kompriża s-sentenza. Hekk ukoll fir-rigward ta' l-ilment tal-appellant li huwa ġie mħarrek ħażin peress hi huwa

aġixxa fil-kwalita' tiegħu ta' *managing director* ta' soċjeta' kummerċjali, l-appellant m'għandux raġun peress li l-fatt li imputazzjoni ma jkun fiha ebda indikazzjoni jew aċċenn għal xi responsabbilta' vikarja ma jistax iwassal għad-dikjarazzjoni ta' xi nullita'. Konsegwentement it-talba tal-appellant biex is-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla hi miċħuda."

Illi riferenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glenn Debattista** (Numru 9/2003) fejn din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

"Kif ukoll ġie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, iċ-ċitazzjoni baqgħet xorta waħda sempliċi "*avviso a comparire*" u mhux il-bażi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tiġi formalment magħmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu *(i)* tal-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għal proċeduri *ex officio* bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-każ tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jiġi konfermat bil-ġurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'pożizzjoni li jkun jista' jiddefendi ruħu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawżi sommarji huwa jressaq il-każ u l-provi tiegħu fl-istess ġurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tingħata wkoll f'dik il-ġurnata (Art. 377(1)). Għalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuża" ikunu ġew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jiġi verament akkużat, sia għal dawk li huma fatti u sia għal dik li hija liġi, huwa jista' jew iġib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar ċara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun għalqet il-każ tagħha – u allura l-imputat ikun ċertament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jiġu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu. Mid-diversi verbali reġistrati

quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-iċken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda prinċipali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jiġu imputati fil-konfront tiegħu. Għalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jingħad li l-appellant ġie preġudikat fid-difiża tiegħu."

Illi din il-Qorti tinnota li l-ġurisprudenza li saret riferenza għaliha hwn fuq hija ċara dwar il-funzjoni taċ-ċitazzjoni u din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi minnha.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li f'dan il-każ kienu ġew ippreżentati l-affidavits li saru riferenza għalihom aktar 'il fuq f'din is-sentenza u fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 13) intalab differiment mid-difiża liema talba ġiet milqugħa b'dan illi l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti tħalliet għad-9 ta' Ottubru 2019. Il-Qorti tinnota li la fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019 u lanqas f'dik tad-9 ta' Ottubru 2019 id-difiża ma talbet aktar żmien sabiex tidderiġi ruħha minħabba ċ-ċitazzjoni. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni setgħet kienet aktar ċara fil-fatti imma f'dan il-każ ma saret ebda talba mid-difiża għall-kjarifika. Barra dan għandu jiġi nnutat ukoll li meta saret l-ispezzjoni mill-Pulizija fuq il-post dawn kienu infurmaw lill-appellant li kienu ser jittieħdu passi kontrih. M'għandux ikun hemm dubju li l-appellant kif jaf dwar x'inhi ċ-ċitazzjoni u għal dawn ir-raġunijiet kollha l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li anke jekk mill-affidavit ippreżentat wieħed seta' jimmaġina li l-ksur lamentat kien li tinstema' l-mużika minn barra l-fond, dan ma jissodisfax il-kriterju legali tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħaddi sabiex jikkwota Regolament 9 tat-Tieni Skeda (Kondizzjonijiet għall-Ġestjoni ta' Attivita' Kummerċjali) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija li jgħid hekk:

> "Ebda attivita' kummerċjali li tkun tinsab f'żona urbana ma tista' tiġġenera xi ħoss li jista' jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju għall-ġirien bid-daqq ta' mużika *live* jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn il-ħinijiet tal-11.00p.m. u d-9.00a.m. tal-għada filgħodu u bejn is-1.00p.m u l-4.00p.m.."

Illi l-appellant jissottometti li huwa rekwiżit legali li dan il-ħoss hekk ġenerat ikun tali li jdejjaq u jikkawża storbju għall-ġirien u jissottometti wkoll li dan ma jirriżultax mill-affidavit u/jew mix-xhud mismugħ.

Illi l-Qorti tinnota li fiċ-ċitazzjoni l-appellant ġie mixli dwar il-ksur ta' Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li sa fejn hija nvoluta l-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tat-Tieni Skeda jistipula li ebda attivita' kummerċjali li tkun f'żona urbana ma tista' tiġġenera xi ħoss li jista' jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju għall-ġirien bejn il-11.00pm u d-9.00am (u bejn is-1.00pm u l-4.00pm). Jirriżulta li fil-każ odjern il-Pulizija marru fuq il-post fis-1.30am jiġifieri sagħtejn u nofs wara li l-mużika ma kellhiex tinstema' minn barra u jirriżulta wkoll li din xorta setgħet tinstema' minn barra. Ir-Regolament bl-ebda mod ma jistipula li jrid ikun hemm xi *complainant* li jgorr dwar il-ħoss.

Illi wara l-11.00pm hu ħin ta' mistrieħ u proprju għalhekk li r-Regolament juża l-kliem *"**jista'** jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju għall-ġirien"* [emfażi miżjuda]. Jirriżulta li aktar minn Pulizija wieħed sema' l-ħoss minn barra u la l-ħoss seta' jinstema' minn barra seta' jdejjaq lill-ġirien. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Silvio Ellul u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**